MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 40/1999/1

**Rikors Nru: 40/99**

**Nazzareno Fenech**

**vs**

**Carmela Spiteri**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi hu jikri l-fond ossia garaxx bl-isem St. Joseph Garage f'Dun Gwann Tabone Street Zejtun bil-kera ta' tletin lira maltija Lm30.00 kull sitt (6) xhur skadenza li jmiss 18 ta' Settembru, 1999.

Illi r-rikorrent gie notifikat b'ittra ufficcjali datata 4 ta' Frar, 1994 fejn gie mgharaf li l-intimata bi hsiebha tgholli l-kera ghal mitejn u hamsin lira malijta (Lm250) kull sitt xhur.

Illi zieda fil-kera tkun ingusta u fi kwalunkwe kaz ghandha tigi stabbilita mill-Bord ai termini tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Qorti jghogbu ma jawtorizzax l-gholi tal-kera kif indikat fl-ittra ufficcjali fuq imsemmija.

Ra r-risposta

Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kera proposta mis-sid ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) kull sitt xhur hija wahda gusta tenut kont id-daqs tal-garage in kwistjoni;

Illi l-esponenta tirrileva illi l-garage in kwistjoni kien gie mikri lir-rikorrenti 'il fuq minn tletin (30) sena ilu bil-kera ta' tletin lira maltin (Lm30) kull sitt xhur, u din il-kera ghalhekk illum ma tiriflettix bl-ebda mod il-kera gusta u reali tal-fond in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-digriet tieghu tal-20 ta' Lulju tal-1999 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ra li l-avukati tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tla-periti fis-seduta ta' llum.

Ra li skond ir-rapport tal-periti l-kera xieraq ghallum li ma jeccedix b'aktar minn 40% li bih seta' kien mikri fl-1914 hu ta' mija u tnax-il lira Maltija (Lm112) fis-sena.

Jiffissa l-kera tal-fond fl-ammont ta' mija u tnax-il lira Maltija (Lm112) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-18 ta' Settembru 1999 bil-kondizzjoni li x-xoghol ta' manutenzjoni ordinarja ikun a karigu tal-kerrej waqt illi x-xoghol l-iehor ikun a karigu tas-sid. Ir-rapport tal-periti ghadu jaghmel parti shiha minn

din is-sentenza; l-ispejjez jithallsu in kwantu ghal tnejn minn tlieta (2/3) mir-rikorrent u wiehed minn tlieta (1/3) mill-intimata. Il-Bord ma jistax ma jghidx li r-rikorrent bl-ghemil tieghu fixkel il-hidma tal-Bord u tal-periti teknici.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------